MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 2083/1997/1

**Patrizia Sereno**

**Vs**

**Lawrence Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici s-somma li tigi likwidata, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, in linea ta' danni li l-attrici sofriet b'konsegwenza tal-kollizjoni li grat fit-8 ta' Ottubru 1996 f'Imsida Seafront kantuniera ma' St Joseph Drive, bejn il-karozza B-6662 Yugo misjuqa mill-konvenut u l-karozza Z-1897 SUZUKI misjuqa mill-attrici, u dan prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut kien unikament u pjenament responsabbli ghall-istess kollizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza d-danni jeccedu l-mitt lira maltin u ma jissuperawx l-elf liri Maltin. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tat-tmintax ta' Lulju 1997 u bl-imghax skond il-ligi. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccexxa bir-rispett:-

Illi dak li talbet l-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjes ghax ghall-incident stradali 'de quo' kienet tahti l-istess attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun li, l-ewwel nett, issir referenza ghax-xhieda tal-Ufficjal tal-Pulizija li mar fuq il-post tal-incident u investiga dan l-kaz. Filfatt <u>ex PS 432 Peter Bonavia</u> (fol 20 sa fol 22 tal-istess atti) esebixxa kopja tar-<u>rapport u tal-iskizz</u>, relattivament ghal dan l-incident. Mill-istess skizz, wiehed jista' jara il-lokalita' tal-incident in esami u jista' jigi konstatat li l-vettura misjuqa mill-<u>attrici</u> u ggib in-numru Z1897 kienet qed tigi misjuqa ''Msida Sea Front" u kienet gejja mid-direzzjoni tal-lokalita maghrufa bhala "Sa Maison' u sejra fid-direzzjoni hemm indikata bhala Birkirkara. In rigward il-<u>konvenut</u> li kien qed jsuq il-vettura numru B 6662, dan jidher li kien hiereg minn "St Joseph Drive" ghall-istess "Msida Sea Front". Ta' min issemmi, ukoll, li fuq il-lemin tal-istess vetturi jinsab 'playing field' , kif muri fuq l-istess skizz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, <u>fir-rapport imsemmi</u>, ma tnizzlux il-versjonijiet tal-fatti moghtija lilu mill-istess partijiet izda fih tnizzel sunt li testwalment jghid '… karozza Z 1897 (misjuqa mill-attrici) kienet ghaddejja minn Msida Sea Front, kif waslet biex tidhol fil-'lane' tan-naha tal-lemin biex tmur fil-lane li jaghti ghal Tas-Sliema, karozza numru B-6662 (misjuqa mill-

konvenut li kienet gejja minn St Joseph Drive, biex tidhol go Msida Seafront, dahlet go fiha).

Ikkunsidrat

Illi l-attrici kienet bdiet tixhed (ara fol 9 u 10 tal-atti). Pero din ix-xhieda kienet giet sospiza, fuq ordni ta' din il-Qorti, sabiex jigi esebit l-imsemmi skizz, esebit sussegwentement. Hawnhekk kull ma lahqet xehdet l-attrici kien li kienet qed issuq l-imsemmija vettura fil-lokalita' indikata u fuq wara tal-istess vettura kien hemm binha ta' madwar tmien snin.

Pero, l-attrici, fl-ebda stadju segwenti ma giet riprodotta (ara l-verbal a fol 15 tal-atti u l-verbali precedenti).

Ikkunsidrat

Wara li nghataw diversi differimenti sabiex il-konvenut jipproduci l-provi tieghu, l-istess konvenut kien xehed (fol 35 u fol 36 ibid) illi hu kien gej mid-direzzjoni ta' Ta' Xbiex, u kien ser jdur mal-Monument tal-Haddiem (li jinsab fil-Wied tal-Imsida fuq il-lemin tal-'playing field' muri fuq l-imsemmi skizz). Hawnhekk hu kien waqaf sabiex jhalli, jghaddu, l-karozzi gejjin mid-direzzjoni ta-Belt Valletta (fuq ix-xellug tieghu).

Sussegwentement hu qal, testwalment 'Eventwalment jiena bdejt nimmanuvra sabiex nohrog il-barra. Il-karozza l-ohra …. kienet fuq il-lane ta' barra, pero' din ghamlet manuvra billi mill-lane ta' barra giet fid-direzzjoni tieghu, cjoe mxiet lejn il-lemin. L-incident gara hekk kif jiena bdejt sabiex nimmanuvra biex nohrog ….. kont ghadni hiereg biex niehu posti fil-'lane' tieghi".

Ikkunsidrat

Illi, a basi ta' dawn il-provi prodotti, il-Qorti trid tara jekk, minnhom jistax jirrisulta traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenuti, kif qed tallega l-attrici. Dawn il-provi huma dawk kif hawn fuq, sintetizzati u wara li gew meqjusa bir-reqqa minn din il-Qorti, ghandu jinghad is-sewgenti:

Il-lokalita in kwistjoni hi wahda traffikuza hafna u li fiha jkun hemm traffiku gej minn u sejjer lejn diversi direzzjonijiet. Fic-centru taghha, jinsabu il-Monument tal-Haddiem u l-‘playing field’ imsemmijin. F’din in-naha tal-istess lokalita’ minn fejn kienet issuq l-attrici, wara li it-traffiku, gej mill-Belt Valletta, jghaddi fejn hemm sitwati ‘Pelican ossija pedestrian lights’, it-triq tinsab maqsuma f’diversi ‘lanes’ b’wahda minnhom, dik tal-lemin tintuza sabiex it-traffiku jdur mal-monument sabiex jiehu d-direzzjoni lejn tas-Sliema. Filfatt jidher li l-attrici kienet ser tiehu din il-‘lane, skond kif verbalizzat fir-rapport tal-Pulizija u sabiex taghmel hekk, il-karozza uzata minnha kellha, bil-fors u gradwalment, tinsaq xi ftit lejn il-lemin. Da parti tieghu l-konvenut kien ser jsuq sabiex <u>jidhol</u> f’Msida Sea Front’. Meta kien qed jaghmel dan, hu kien wieqaf ghar-raguni specifikata fix-xhieda tieghu u meta hareg xi ftit kif deskritt minnu fix-xhieda tieghu saret din il-habta.

2) Wara li gie dan premess, pero’ jidher evidenti li l-attrici mill-ftit provi li pproduciet fil-mori ta’ din il-kawza ma irnexxielix tipprova li dan l-incident sehh minhabba xi traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenut. Difatti jista’ jkun, <u>fuq basi ta’ probabilta’</u> li l-konvenut kien qed jsuq b’mod prudenti waqt li kienet l-istess attrici li setghet kkagunat dan l-incident minhabba li, waqt li kienet issuq fuq ‘Msida Sea Front’ daret xi ftit lejn il-lemin taghha ghar-raguni hemm fuq indikata minghajr ma hadet id-debiti prekawzjonijiet rikjesti minn sewqan f’lokalita’ traffikuza hafna fosthom li tixghel l-‘indicator’ sabiex turi li ser iddur lejn il-lemin.

3) Mill-atti jidher illi l-attrici ma gabet a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, l-ebda prova sabiex setghu jigu likwidati d-danni kagunati fil-vettura taghha.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl tal-premess minn fejn jidher li l-provi prodotti mill-attrici huma <u>manifestament insufficjenti</u> it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici b'kull parti tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------